**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 371/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi )**

**vs**

**Dylan GRECH**

**Illum, 28 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-30 ta' Ottubru 2023, fil-konfront ta' **Dylan GRECH**, iben Emanuel u Carmena Grech nee` Attard, imwieled fil-21 ta' Marzu 2001 u joqgħod Grazzja F/H, Triq San Leonardu, Żabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 120601(L), li ġie mixli talli:

   Fit-2 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' xi 22.10hrs fi Triq Santa Tereża, Bormla, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CRG001:

1. B’manjiera traskurata;

2. U aktar talli saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta jew mingħajr liċenzja tas-sewqan speċifikata għal dik il-vettura;

3. U aktar talli saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

4. U b’nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma’ vettura nru DOR352 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta’ Lawrence Borg;

5. U b’nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma’ vettura nru FAW432 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta’ Lawrence Borg.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tnaqqas il-punti mil-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 Art 36B u fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 Sitt Skeda.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta Malta, l-Artikoli 3(1)(2)(2A)3(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Artikolu 36B tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 u s-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat **Dylan GRECH** (illum l-appellant) mhux ħati tat-tielet (3) imputazzjoni stante li hija preskritta, tar-raba’ (4)

u l-ħames (5) imputazzjoni u lliberatu minn kull ħtija u piena dwar l-istess, iżda sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet u kkundannatu komplessivament elf u mitejn ewro (€1,200), skwalifika mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal tletin (30) ġurnata u tmien (8) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Dylan GRECH** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Ottubru 2023, fejn filwaqt li tikkonferma fejn sabitu mhux hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames akkuza, thassarha u tirrevokha fejn sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell tal-appellant Dylan **GRECH** billi sostniet illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni ta' ħtija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, u għalhekk illi l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Ottubru 2023, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Dylan Grech' għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, u dan għar-raġunijiet mogħtija fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar l-1 ta' Frar 2024, il-partijiet trattaw l-appell.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali u senjatament mill-affidavit ta' PS 1569 D. Farr[1], illi nhar it-2 ta' Settembru 2020, daħal rapport ġewwa l-Għassa ta' Bormla, illi kienet seħħet kolliżjoni bejn tlett vetturi fi Triq Santa Tereża, Bormla u illi kien hemm persuna li kellha bżonn l-assistenza medika. Għalhekk l-istess Surġent irrikorra mmedjatament fuq il-post, fejn innota żewġ vetturi maħbutin ma' xulxin u ftit iżjed 'il fuq, kien hemm vettura fin-nofs tat-triq. Mal-wasla tas-Surġent, waslet ukoll l-ambulanza u l-infermiera bdiet iddewwi lill-persuna li weġġgħet fl-inċident, li sussegwentement kompliet tiddewwa fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla.

7. Jirriżulta wkoll mill-istess affidavit, illi s-Surġent Farr tkellem ma' Lawrence Borg (ID 272563(M)), li stqarr illi huwa kien parkeġġjat fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DOR 352 tal-għamla Mitsubishi, illi l-vettura ta' warajh ċedietlu sabiex joħroġ mill-parkeġġ u illi hekk kif beda jirriversja sabiex joħrog minn fejn kien, ġiet vettura b'sewqan eċċessiv li baqgħet dieħla ġol-vettura li kienet ċedietlu, liema vettura daħlet ġol-vettura tiegħu.

8. Skont l-istess affidavit, ġie mitkellem ukoll Dylan GRECH, l-appellant odjern u iżjed tard, Emanuel Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 497275(M), li stqarr illi huwa kien wieqaf bil-vettura tiegħu tal-għamla Isuzu, bin-numru ta' reġistrazzjoni FAW 432, wara li ċeda lill-vettura oħra sabiex din toħroġ mill-parkeġġ, iżda f'daqqa waħda baqgħet dieħla fih vettura minn wara u mbuttatu fuq il-vettura l-oħra li kienet ħierġa mill-parkeġġ. Mitkellem għat-tieni darba nhar is-6 ta' Settembru 2020, Buhagiar iddikjara illi xtaq li jittieħdu passi legali fil-konfront tax-xufier Dylan GRECH, għaliex skont hu, l-inċident seħħ b'negliġenza tiegħu.

9. Jirriżulta wkoll mill-istess affidavit, illi nhar l-10 ta' Settembru 2020, sar kuntatt mal-appellant Dylan GRECH, li ġie nfurmat illi kienu se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu.

---

[1] Ara a fol. 17 *et seq* tal-proċess.

10. Sadanittant, l-istess PS 1569 irċieva *email* mingħand l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-vettura CRG 001 kienet tiżen 4,845 kilogrammi u għaldaqstant, la darba kienet taqbeż il-piż ta' 3,500 kilogrammi, kienet teħtieġ liċenzja ta' kategorija C, sabiex il-vettura tinstaq.

11. Kemm Lawrence Borg, kif ukoll Emanuel Buhagiar reġgħu ġew mitkellma separatament u talbu sabiex jinħarġu akkużi fil-konfront ta' Dylan GRECH dwar il-ħsarat li ġarrbu fuq il-vetturi rispettivi tagħhom.

12. Sussegwentement, l-appellant tressaq il-Qorti u nhar it-30 ta' Ottubru 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ingħad, għaddiet għas-sentenza, li permezz tagħha l-istess appellant instab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, kif miġjuba kontra tiegħu.

13. Illi permezz tal-ewwel aggravju sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant jissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata, u dan għaliex skont hu, din hija nieqsa mir-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, stante illi fl-istess sentenza l-ewwel Qorti m'għamlet l-ebda espożizzjoni tal-fatti. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. [sottolinear tal-Qorti]

14. Din il-Qorti tqis illi hija ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna illi meta fis-sentenza tagħha, il-Qorti tirriproduċi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-vot tal-liġi jitqies li huwa sodisfatt u dan għaliex fejn l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għall-'fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati', ir-referenza hija għar-reati li tagħhom l-imputat ikun instab ħati.

15. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-15 ta' Diċembru 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mariella Caruana**:

> Meta l-artikolu 382 jirreferi ghall-fatti, qieghed jirreferi ghar-reati li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati. Fis-sentenza appellata hemm referenza ghall-imputazzjoni li taghha l-appellanti nstabet hatja, bhalma hemm ghall-elementi l-ohra mehtiega *ad validitatem*. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju huwa michud.[2]

16. Fil-każ odjern, l-ewwel Qorti niżżlet l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellant fil-bidu tas-sentenza tagħha, u sussegwentement sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, b'dan għalhekk illi l-appellant huwa ben konxju ta' liema huma l-fatti jew ir-reati illi huwa nstab ħati tagħhom. Għaldaqstant, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

17. Illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u> mqajjem minnu, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta spezzettat fi tnejn l-akkuża ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` f'sewqan traskurat u f'sewqan mingħajr liċenzja. L-appellant isostni illi dawn l-imputazzjonijiet huma żewġ aspetti tal-istess reat, kif ikkontemplat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. L-imsemmi artikolu jaqra hekk:

> (1) Kull min –
>
> (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar *bicycle*;
>
> (b) ...
>
> ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.

19. Illi huwa evidenti illi l-artikolu appena ċitat jittratta iktar minn reat wieħed għalkemm dawn ir-reati huma miġbura lkoll fl-istess disposizzjoni tal-liġi.

[2] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta: <u>**Il-Pulizija vs Peter Abdilla**</u>, 28 ta' Lulju 2020; <u>**Il-Pulizija vs John Tanti**</u>, 24 ta' Jannar 2013; <u>**Il-Pulizija vs Albert Caruana**</u>, 30 ta' Jannar 2017; u <u>**Il-Pulizija vs Ian Spiteri**</u>, 22 ta' Ġunju 2023.

Fil-fatt l-istess artikolu jikkontempla r-reat ta' i) sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan; ii) sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja; iii) sewqan bla kont; iv) sewqan bi traskuraġni; u v) sewqan b'mod perikoluż. Dan ifisser illi r-reati li ġie mixli bihom l-appellant permezz tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, huma żewġ reati distinti, minkejja li jinsabu fl-istess disposizzjoni tal-liġi, u m'humiex, kif jgħid hu, żewġ aspetti tal-istess reat. Tant hu hekk, illi l-leġislatur għażel illi juża l-kelma 'jew' sabiex jifred reat minn ieħor fl-istess artikolu. Dan ifisser illi persuna tista' tiġi mixlija, per eżempju, bir-reat ta' sewqan ta' vettura li ma jkollhiex liċenzja, mingħajr ma tiġi wkoll mixlija bir-reati l-oħrajn, bir-reat ta' sewqan bla kont, iżda mhux dak perikoluż, jew inkella bit-tnejn jew iżjed jew addirittura bir-reati kollha fl-istess artikolu. Dan għaliex l-elementi tar-reati in kwistjoni huma lkoll diversi, b'dan għalhekk illi l-appellant m'għandux raġun jgħid illi l-ewwel Qorti kienet erronja meta qieset separatament ir-reati kkontemplati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet. Ir-reati ta' sewqan traskurat, mertu tal-ewwel imputazzjoni, u ta' sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan, mertu tat-tieni imputazzjoni, huma żewġ reati distinti fl-istess disposizzjoni tal-liġi. Sewqan traskurat ma jimplikax neċessarjament sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan. B'hekk, l-aġir ta' persuna mhux neċessarjament ikun tali li jinkwadra ruħu taħt kull waħda mid-diversi reati li jikkontempla l-imsemmi artikolu tal-liġi, għad illi dawn ir-reati kollha huma miġbura fl-istess disposizzjoni. Tant hu hekk illi għalkemm l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 jipprospetta l-istess piena ta' multa jew ta' priġunerija għar-reati kkontemplati fil-paragrafu (a) u fil-paragrafu (b) tal-istess artikolu, l-Artikoli 15(2) u 15(3) tal-istess Kapitolu, jiddistingwu bejn min-naħa l-waħda sewqan bi traskuraġni kbira u sewqan perikoluż u min-naħa l-oħra, "*kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1)*", in kwantu fl-ewwel każ, b'żieda mal-piena taħt is-subartikolu (1), il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, fil-każ tal-ewwel kundanna, u għal żmien ta' mhux inqas minn sena, fil-każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara. Mill-banda l-oħra, in kwantu reati oħra taħt is-subartikolu (1), l-Artikolu 15(3) jippreskrivi l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux inqas minn tmint ijiem, b'dan għalhekk illi l-liġi tagħmel distinzjoni bejn id-diversi reati kkontemplati fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

20. Għalhekk, il-Prosekuzzjoni tista' tagħżel illi tixli persuna bid-diversi reati separatament, f'iktar minn imputazzjoni waħda u bl-istess mod, il-Qorti tista' ssib ħtija dwar ir-reati kollha li bihom tali persuna tiġi mixlija, jew dwar reat u mhux ieħor, minkejja li dawn jinsabu fl-istess disposizzjoni tal-liġi. Għaldaqstant, dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

21. Illi permezz tat-<u>tielet aggravju</u> tiegħu, l-appellant jikkontendi illi d-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu hija kontro-sens la darba huwa ġie lliberat mir-raba' u mill-ħames imputazzjonijiet u illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni la darba ġie lliberat mill-aħħar tnejn.

22. Mis-sentenza appellata, jirriżulta illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' sewqan traskurat, mertu tal-ewwel imputazzjoni, u dan għaliex l-appellant ma żammx *proper lookout* bir-riżultat illi kkawża l-inċident in kwistjoni. Mill-banda l-oħra, l-ewwel Qorti ma sabitx lill-istess appellant ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet, fit-termini tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali, u dan għaliex ikkunsidrat illi ma nġabet l-ebda prova dokumentarja dwar il-ħsarat subiti u għalhekk ma saritx il-prova fil-livell rikjest fil-kamp penali. Fir-rigward, irid jingħad illi anke hawn l-appellant m'għandux raġun. Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali huma żewġ reati separati, distinti u indipendenti minn xulxin, b'elementi diversi, taħt liġijiet diversi, b'dan għalhekk illi ħtija fir-reat taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma twassalx neċessarjament għall-ħtija fl-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali u viċe-versa. Tajjeb jew ħażin, din kienet id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar dawn l-aħħar żewġ imputazzjonijiet, mil-liema deċiżjoni ma sar l-ebda appell mill-Avukat Ġenerali u għalhekk din il-Qorti ma tistax issa tissindika din il-parti tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

23. Illi fi kwalunkwe każ, mill-provi prodotti jirriżulta illi l-elementi tar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni ġew ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi. In kwantu għat-tifsira ta' sewqan traskurat, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**</u> tas-6 ta' Mejju 1997, fejn ingħad is-segwenti:

> **Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.

24. Illi mix-xhieda ta' Emanuel Buhagiar[3], jirriżulta illi l-vettura misjuqa minnu kienet wieqfa sabiex tippermetti l-vettura misjuqa minn Lawrence Borg, toħroġ minn fejn kienet parkeġġjata. Fil-mument illi kienet qegħda ssir din il-manuvra minn Borg, daħlet ġol-vettura misjuqa minn Buhagiar, minn wara, il-vettura misjuqa mill-appellant. Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Lawrence Borg[4], li jixhed illi fil-mument illi huwa kien ħiereġ bil-vettura tiegħu minn ġewwa l-parkeġġ, il-vettura ta' Buhagiar kienet wieqfa – "*kien wieqaf zopptu*"[5] - u li l-inċident seħħ hekk kif kien għadu biss ħareġ "*kwart mil-vann il-barra*"[6]. Borg jiddeskrivi d-dinamika tal-inċident b'dan il-mod:

| | |
|---|---|
| Avukat: | Igifieri int kont hiereġ mil-parking? |
| Xhud: | Ezatt izgur mela nara il-vann ta Manwel jgħola minn wara nara vann gej b'velocita sewwa tista tindikaw u tefgħu għal-fuqi u baqa' sejjer in-naha l-oħra l-iehor. |
| Avukat: | l-iehor min? |
| Xhud: | il-vann l-iehor li kien involut maghna qisu trakk li kien involut li laqat lil Leli.[7] |

25. Illi minn dan, il-Qorti tislet illi fil-waqt tal-impatt tal-vettura misjuqa mill-appellant mal-vettura misjuqa minn Buhagiar, din tal-aħħar kienet wieqfa, hekk illi sewwieq prudenti u diliġenti kien jintebaħ li kien hemm vettura wieqfa fit-triq u kien inaqqas il-veloċita` li biha kien qiegħed isuq sabiex jippermetti lill-vettura misjuqa minn Borg twettaq il-manuvra

---

[3] A fol. 43 *et seq* tal-atti proċesswali.
[4] A fol. 53 *et seq* tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 55 tal-proċess.
[6] Ibid.
[7] Ibid.

neċessarja sabiex toħroġ mill-parkeġġ. Madankollu, mid-dinamika tal-inċident kif deskritta mix-xhieda ta' Buhagiar u ta' Borg, jidher illi l-vettura misjuqa mill-appellant kienet qiegħda tinstaq b'tali mod li ma ppermettix lill-appellant jagħmel l-osservazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tiegħu u jintebaħ fil-ħin bil-manuvra li kien qed iwettaq Borg, kif ukoll illi kien hemm il-vettura misjuqa minn Buhagiar wieqfa, sabiex tippermetti lil Borg joħroġ mill-parkeġġ. Fil-fatt dan jirriżulta wkoll minn kliem l-appellant stess meta xehed quddiem l-ewwel Qorti: "*kien hemm vann hiereg minn parkeggata safra u xi hadd naħseb cedielu* ***u ma rajtux jieqaf u ma lhaqtx waqaft*** *u ħbatt bumper to bumper*". Għalkemm jgħid illi huwa waqaf bil-mod, jgħid ukoll "***Ma lhaqtx rajtu*** *uu, miexi bilmod rajtu ried jieqaf*".[8]

26. Illi kien proprju għalhekk illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-appellant ma kienx qiegħed jeżerċita dik il-*proper lookout* li sewwieq neċessarjament jeħtieġ li jaddotta fit-triq. Fuq il-kunċett ta' *proper lookout,* din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Josephine Dimech</u>**, tat-23 ta' Ġunju 2020:

> 33. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-*isteering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[9]
>
> 34. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Id-dover ta' *proper lookout,*:
>
>> '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim."Il-Pul. vs. Joseph

---
[8] Ara a fol. 90 tal-proċess.
[9] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għall-mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

Vella" – [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla, [17.6.1961])." In oltre "kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968):-

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."[10]

35. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri***, deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti:-

Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma għandux jintesa li l-

[10] Hawnhekk il-Qorti kienet qed tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfons Abela**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Marzu 2005.

accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati.

27. In oltre fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Cutajar**, tas-27 ta' April 2006, ingħad is-segwenti fuq il-kunċett ta' *proper lookout*:

> **Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wiehed jista' jassikura ruhu minn dan hija billi jezercita "*a proper lookout*" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiz-zewg direzzjonijiet. Illi gie ukoll ritenut li hu dover ta' driver "*to see what is in plain view*" (App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Joseph Vella" **[10.8.1963]) u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, jfisser li ma kienx qed izomm "*a proper lookout*" (App.Krim.** "Il-Pulizija vs. J. M.Laferla" **[17.6.1961]**
>
> **Illi hu ovvju li l-appellant ma zammx *proper lookout* ghax kieku hares tajjeb il quddiem, apparti l-vettura li skondu kienet ghadha ferm il boghod, kien zgur jara l-mutur gej lejh. Dan il-mutur ma waqax mis-shab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qieghed idur lejn il-lemin. Bil-fors li kien ilu vizibbli ghal certu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa jinsisti li hu f'ebda hin qabel ma sema l-hoss tal-habta ma kien ra l-mutur, qed jinkrimina ruhu dwar in-nuqqas ta' *proper lookout.***

28. Din il-Qorti lanqas ma temmen lill-appellant meta dan jixhed illi kien għaddej bil-mod. Li kieku tassew kien qiegħed isuq bil-mod, kien ikun jista' jinduna bil-fatt li kien hemm il-vettura ta' Buhagiar wieqfa fit-triq u kien jilħaq jieqaf u b'hekk jevita l-kolliżjoni. In oltre li kieku verament kien qed isuq bil-mod u b'kawtela, ma kienx jikkawża l-ħsarat estensivi lill-vettura li ħabat fiha[11] u Buhagiar ma kienx iġarrab wieħed u erbgħin punt f'rasu bħala konsegwenza ta' dan l-inċident.[12] Għalhekk ma jistax jingħad li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura bid-diliġenza li kienet mistennija minnu fit-triq dak il-ħin u f'dawk iċ-ċirkostanzi, daqskemm ma jistax jingħad li huwa kellu *awareness of what is happening in one's*

[11] Ix-xhud Emanuel Buhagiar jixhed dwar il-ħsarat li ġarrbet il-vettura tiegħu, a fol. 47 tal-proċess.
[12] Ibid.

*immediate vicinity* jew li wettaq evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li kien qiegħed isuq fiha sabiex jevita li jinħoloq xi inċident ma' vetturi oħrajn.

29. Għaldaqstant, it-tielet aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

30. Illi fir-raba' u l-aħħar aggravju tiegħu, l-appellant jattakka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu sabitu ħati tar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. L-appellant jisħaq li għalkemm *prima facie* mix-xhieda ta' Karen Cremona, in rappreżentanza tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, jidher li huwa ma kienx kopert b'liċenzja tas-sewqan sabiex isuq il-vettura li kien qed isuq fil-jum mertu tal-inċident, dan ma kienx il-każ. L-appellant jirreferi għax-xhieda ta' Natalino Agius, li esebixxa dokument, Dok. NA, li jindika li l-piż attwali tal-vettura kien ta' 2,460 kilogramma. L-appellant jirreferi wkoll għax-xhieda ta' Dr. Nadine [*recte*: Nadia] Vella, in rappreżentanza tas-soċjeta` assikuratriċi, li xehdet illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Skont l-appellant, dan ifisser, illi wara li s-soċjeta` assikuratriċi ħadet nota tal-piż tal-vettura, kif indikat mis-*surveyor,* hija ħarġet polza ta' assikurazzjoni favur tiegħu. L-appellant għalhekk jisħaq illi huwa kien in *buona fede* għaliex wiżen il-vettura biex jassigura illi l-liċenzja tiegħu kienet konformi mal-piż tagħha u wara dan, assikura l-istess vettura. Skont hu, sabiex jissussisti r-reat indikat kien jeħtieġ illi l-Prosekuzzjoni tipprova li huwa kellu *positive direct intent* u ċioe` illi saq vettura meta kien jaf li din ma kinitx koperta bil-liċenzja.

31. Mix-xhieda ta' Karen Cremona, in rappreżentanza tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta [13] u mill-affidavit ta' Stephen Cachia, ukoll in rappreżentanza tal-istess Awtorita`[14] jirriżulta illi fit-2 ta' Settembru 2020, l-appellant ma kellux liċenzja sabiex isuq il-vettura in kwistjoni ossia Isuzu Elf Truk bin-numru ta' reġistrazzjoni CRG 001. Dan għaliex sal-25 ta' April 2022, ossia sad-data illi fiha Cremona għamlet il-verifiki tagħha, il-piż tal-vettura jirriżulta li kien ta' 4,845 kilogramma u illi l-appellant ma kellux il-kategorija tal-liċenzja tas-sewqan neċessarja sabiex isuq din il-vettura. Il-Qorti tinnota illi Dok. NA[15], ikkonfermat minn Natalino

[13] Foljo 63 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 32 tal-proċess.
[15] A fol. 80 tal-proċess.

Agius, li jindika l-piż tal-vettura CRG 001 bħala ta' 2460 kilogrammi, jindika wkoll illi l-vettura kienet iġġib dan il-piż fit-18 ta' Mejju 2021, filwaqt illi dokument ieħor ikkonfermat minn Josephine Cutajar, Dok. JC[16], li wkoll juri l-piż tal-vettura bħala ta' 2460 kilogrammi, iġib id-data tat-22 ta' Jannar 2021, u għalhekk wara d-data tal-inċident in kwistjoni. Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni rnexxielha turi, sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali, illi dakinhar tat-2 ta' Settembru 2020, l-appellant ma kellux kategorija tal-liċenzja tas-sewqan meħtieġa skont il-liġi sabiex seta' jsuq dik it-tip ta' vettura fit-triq.

32. Hawnhekk il-Qorti tqis illi r-reat in kwistjoni huwa ***regulatory offence***, u għalhekk japplika għalih il-kunċett ta' *strict liability*, b'dan għalhekk illi l-piż tal-prova ddur fuq l-appellant sabiex juri, u dan sal-grad tal-probabbli, illi huwa għamel dak kollu meħtieġ sabiex jevita li jiġi kommess ir-reat, u illi eżerċita d-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jassigura illi ma jkun hemm l-ebda ksur tal-liġi. F'dan ir-rigward, fost oħrajn issir referenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andy Buttigieg** tas-26 ta' Jannar 2023, **Il-Pulizija vs Manuel Xuereb** tat-30 ta' Ottubru 2023, **Il-Pulizija vs Claydon Mifsud** tas-26 ta' Settembru 2023, **Il-Pulizija vs Mark Azzopardi** tas-26 ta' Ġunju 2019, fost oħrajn u għall-insenjament tal-Professur Mamo li fir-rigward jgħid illi r-reati li jitqiesu *strict liability offences* huma eċċezzjoni għar-regola *actus non facit reum nisi mens sit rea*:

> Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. **It may also be imposed for regulatory offences**. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.
>
> .../...
>
> In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the

[16] A fol. 81 tal-proċess.

words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73) [enfasi ta' din il-Qorti]

33. Kif ingħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Claydon Mifsud**, li għaliha saret referenza iżjed 'il fuq:

> 41. Fejn il-Leġislatur ried li jimponi regoli stretti biex jinforza aħjar ċerti projibizzjonijiet huwa ma ippermettix derogi. Minn qari testwali tal-Liġi stess jemerġi li s-sanzjoni hemmhekk ikkontemplata u r-reita' għall-ksur tal-istess tiskatta mal-mument illi jiġi ippruvat fattwalment li sar dak il-ksur.
>
> 42. Skont il-Professur Mamo il-każijiet ta' 'strict liability' jammettu wkoll difiża fuq 'reasonable mistake of fact'. Ġurisprudenza kostanti tqis li mhux kull 'żball' jew 'mistake of fact' huwa ammess bħala difiża biex wieħed jeżimi ruħu mir-responsabilita' kriminali dwar ksur ta' xi liġi. Dan l-iżball irid ikun wieħed **essenzjali** nonche' li jolqot wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat u jrid ikun ukoll **inevitabbli** tant li anki jew huwa juża' d-diliġenza u l-prudenza kollha meħtieġa, xorta waħda kien jaqa' f'dan l-istess żball. Huwa biss jekk l-akkużat jirnexxilu jipprova dawn iż-żewġ elementi li tiġi newtralizzata r responsabilita' kriminali. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Hadrian Busietta** deċiż nhar it-28 ta' April 2010 ġie ritenut:
>
>> Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in

> dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali…

34. Illi għalhekk l-appellant m'għandux raġun jisħaq illi l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-intenzjoni kriminuża tiegħu meta saq vettura mingħajr ma kien fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan skont il-liġi. Il-Qorti tqis illi mix-xhieda li ressaq l-appellant ma rnexxilux jipprova, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi huwa għamel dak kollu meħtieġ sabiex jevita il-kummissjoni tar-reat, u illi eżerċita d-diliġenza meħtieġa sabiex jassigura illi ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni tal-liġi. Mid-dokumentazzjoni li ġiet prodotta mix-xhieda in difesa u li xehdu dwarha Natalino Agius u Josephine Cutajar, il-piż tal-vettura skont l-istess dokument ġie stabbilit wara d-data tat-2 ta' Settembru 2020, u skont ir-rekords tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta, sa din id-data, ma rriżultax illi kien sar xi tibdil fil-*logbook* ta' dik il-vettura in kwantu għall-piż tagħha. Għalhekk ma tistax tiġi nvokata b'suċċess id-difiża ta' *reasonable mistake of fact* in kwantu ma kienx inevitabbli li l-appellant jieħu dawk il-mizuri neċessarji sabiex jassikura illi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tkun konformi mal-liġi, la darba huwa kien qed isuq vettura ta' ċertu piż, liema miżuri fil-fatt ħadhom parzjalment wara l-akkadut.

35. Għaldaqstant, anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant **Dylan GRECH** u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perjodu tal-iskwalifika mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal tletin (30) ġurnata għandu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**